MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tat-12 ta' Jannar, 2005

Appell Civili Numru. 709/2000/1

**Avukat Dottor Anton Felice flimkien ma' martu n-Nutar Dottor Marthese Felice**

**vs**

**Aplan Limited**

**Il-Qorti,**

Fid-29 ta' Marzu, 2004, il-Qorti Civili tal-Magistrati ppronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

"Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih l-atturi talbu sabiex is-socjeta konvenuta tghid il-ghaliex ma ghandhiex tkun ikkundannata li:

1. il-microwave oven tal-marka Siemes mudel numru HF75021 mibjugha mis-socjeta konvenuta lill-attur kienet afflitta minn difett li ma jidhirx.

2. l-istess bejgh bejn il-partijiet jigi rexiss.

3. tirrifondi lill-atturi tlett mija u wiehed u tmenin lira Maltin u tlieta u sebghin centezmu (Lm381.73) prezz tal-istess microwave oven, mentri l-atturi jaghtu lura l-istess forn lis-socjeta konvenuta.

Dana peress -

a. illi fl-4 ta' Dicembru 1999, l-atturi xtraw minghand is-socjeta APLAN Ltd microwave oven tal-marka Siemens mudel numru HF75021, u dana bil-prezz imhallas ta' tlett mija u wiehed u tmenin lira maltin u tlieta u sebghin centezmu (Lm381.73). Illi sikwit dan il-microwave oven ma kienx isahhan meta kien jinxtal bhala microwave.
b. Illi dan kien difett li ma setghax jigi msewwi mit-teknici tas-socjeta attrici u jikkostitwixxi difett li ma jidhirx tal-habta mibjugha.
c. Illi l-istess difett jirrendu l-istess forn mhux tajjeb ghall-uzu bhala microwave oven u illi ghalhekk l-istess oggett mhux tajjeb ghall-uzu li ghalih huwa mahsub.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali mill-15 ta' Marzu 2000 sad-data tal-pagament effettiv.

Rat l-annessa cedola ta' depositu a fol 4 tal-atti u d-digriet relattiv dwar in-nomina ta' konsenjatarju (fol 4 u 5 tal-atti).

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet tal-istess socjeta konvenuta (fol 8 ibid) u li bih eccepiet bir-rispett:-

1. Illi t-talbiet attrici huma nfondati filf-att u fid-dritt u ghandhom jigu respinti bl-ispejjez, u dan ghar-ragunijiet segwenti:

a. Illi mhuwiex minnu illi l-appliance minnha mibjugha lill-atturi kienet difettuza.

b. Illi mhuwiex minnu illi l-allegat difett ma setax jissewwa mis-socjeta eccipjenti, kif ser jigi ppruvat f'aktar dettal waqt il-gbir tal-provi.

2. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat

Illi l-azzjoni odjerna giet intavolata, mill-atturi, a basi tal-artikolu 1424 sa 1432 tal-Kodici Civili. Difatti jidher mill-istess talba u premessi kif specifikati fl-istess avviz li din l-azzjoni hi l-actio redhibitoria" li permezz taghha qed jintalab li l-oggett in esami jigi ritornat lil venditur u ssir ir-rifusjoni tal-prezz gja mhallas lill-kompratur minhabba li l-istess venditur kiser id-disposizzjonijiet tal-ligi in rigward garanzija, li torigina mill-istess ligi, u li ghadha tinghata minn kull venditur "ex lege" in rigward difetti mohbija fl-istess oggett mibjugha, sakemm ma jkunx hemm xi ftehim kontrarju. F'dan il-kaz issemmiet li s-socjeta attrici kienet harget favur il-kompratur 'garanzija' bi ftehim in rigward sostituzzjoni ta' 'parts' difettuzi u ' labour'. Pero' dan il-punt, u kull prova li ingiebet in rigward tali garanzija huma irrelevanti ghal dan il-kaz in vista li din l-azzjoni hi basata, kif di gja inghad, fuq dik moghtija mil-istess ligi in rigward difetti mohbija.

Ikkunsidrat

Illi, l-attur jsostni (fol 4 et seq ibid) illi wara li l-atturi kienu xtraw forn 'microwave' li seta' ukoll jintuza bhala wiehed normali minghand is-socjeta konvenuta, bil-prezz ta' Lm381 (ara fol 20 ibid) liema prezz kien thallas kollu (ara fol 22 ibid), dan kien gie stallat fir-residenza taghhom minn impjegat tas-socjeta attrici. Pero jidher li l-istess forn "daqqa beda jahdem, daqqa ma jahdimx' vis-à-vis wahda mill-funzjonijiet tieghu cjoe ta' forn 'microwave' billi '…. Jixghel sporadikament…". Fix-xhieda tieghu, l-attur kompla biex jghid li effettivament, l-istess oggett kif iffunzjona meta kien gie esaminat minn 'technician' tas-socjeta konvenuta li, da parti taghha, filfatt, allegat li "…

kien hemm xi haga hazina fil-vultagg tad-dawl tad-dar tieghu'. Pero, meta l-forn in kwistjoni kien rega' ma ffunzjonax kif suppost, kif gie esklus, mit-'technician' li kien intbaghat mis-socjeta konvenuta, li l-premess seta kien kagunat mill-imsemmi vultagg (ara fol 28 tal-atti) u difatti kien irrakomanda li l-forn jittiehed fil-'workshop' tas-socjeta konvenuta ghal verifika. Sadattant l-istess oggett baqa' ma jiffunzjonax tajjeb ('…. Kien qed jiffonzjona hazin regolarment') u l-attur ghalhekk issugerixxa li jigi sostitwit b'mudell iehor minghajr difett (ara fol 29 ibid) jew inkella li dak difettuz jigi riparat waqt li jigi sostitwit, b'iehor temporanjament, sakemm jigi riparat. Pero jidher li dan it-trattativi ma kellhomx xi esitu posittiv (ara ukoll ix-xhieda tal-attrici a fol 33 ibid).

Ikkunsidrat

Illi s-socjeta konvenuta ipproduciet zewg xhieda cjoe Angela Vella (fol 51 et seq ibid) u Lino Apap (fol 60 et seq ibid). Jigi notat li Angela Vella fix-xhieda taghha semmiet li "F'dan il-kaz kien jidher li kien hemm l'hekk imsejjah 'intermittant fault' u li l-funzjoni primarja tal-istess ogget hi sabiex jintuza bhala 'microwave' waqt li Lino Apap fis-sustanza ikkonferma li, effettivament, l-istess oggett kellu d-difett li minnu jilmentaw l-atturi ("…fault….') kif ukoll ghat-tentattivi li saru sabiex din il-kontestazzjoni tigi transatta bonarjament.

Ikkunsidrat

Illi mill-premess, jidher evidenti li l-forn in kwistjoni li kellu l-funzjoni primarja ta' wiehed 'microwave' kiena affett minn difett li effettwa l-funzjonalita' tieghu, liema difett kien wiehed intermittenti. Inoltre dan jista' jigi deskritt bhala wiehed mohbi. Tant hu hekk, li s-socjeta konvenuta ma setghetx tiskopri x'kien qed jikkaguna d-difett, kif hawn fuq deskritt.

Illi ghalhekk jidher li rrisulta li f'dan il-kaz, l-oggett mibjugh kien affett minn difett mohbi certament mhux insinifikanti u li rrenda l-istess oggett mhux idonew ghall-uzu li ghalih kien intiz. Bhala konsegwenza, u fin-nuqqas ta'

eccezzjoni ohra oltre dawk sottomessi mis-socjeta konvenuta, it-talba attrici ghandha tigi akkolta a basi tal-ghazla li ghandu kull kompratur skond l-artikolu 1427 tal-istess kodici.

Ghal dawn il-motivi il-Qorti tilqa' t-talbiet attrici u:

1. tiddikjara li l-'microwave oven' in kwistjoni kien afflitt minn difett li ma jidhirx;

2. tordna r-rexissjoni tal-bejgh in esami;

3. tikkundanna lis-socjeta konvenuta sabiex thallas lill-atturi s-somma ta' Lm381.73,0 bhala rifusjoni tal-prezz relattiv tal-istess forn li jista' jigi liberament moghti lura lis-socjeta konvenuta mill-konsenjatarju nominat u bl-imghax legali mill-15 ta' Marzu 2000 sad-data tal-pagament effettiv oltre l-ispejjez."

Kontra din is-sentenza appellat is-socjeta` konvenuta bl-aggravji f' dawn it-termini:-

1. Ma ngiebet ebda prova sodisfacenti illi l-*microwave* in kwestjoni kien afflitt mid-difett allegat mill-atturi u allura, fil-presenza ta' kuntrast bejn il-kontendenti, ma kien hemm ebda raguni valida biex l-ewwel Qorti tiffavorixxi t-tezi attrici;

2. Ukoll, l-ewwel Qorti ghamlet apprezzamnet zbaljat tal-fatti, senjatament il-fatt illi hi giet ingustament prekluza mill-atturi milli tispezzjona sew l-oggett vendut;

Ghal dawk li huma l-fatti principali tal-kaz jirrizulta illi fl-4 ta' Dicembru 1999 l-atturi xtraw l-oggett *de quo* (ara fattura a fol. 20). Fl-4 ta' Frar 2000 l-istess atturi ressqu l-ewwel ilment taghhom fis-sens li l-*microwave* kien qed jiffunzjona sporadikament billi daqqa jahdem u drabi ohra le. Is-socjeta` appellanti baghtet *technician* taghha fit-8 ta' Frar 2000 izda dan ma rriskontra ebda malfunzjonament. Gie suggerit li seta' kien hemm nuqqas ta' *power supply*

fir-residenza ta’ l-atturi, imma sussegwentement meta l-*microwave* rega’ ma hademx sew dan id-dubbju dwar nuqqas jew hsara fl-installazzjoni ta’ l-elettriku gie eliminat. In effetti gie determinat li kien jezisti “*intermittent fault*” fl-apparat. L-atturi bdew jinsistu li dan jigi sostitwit imma s-socjeta` konvenuta venditrici irriteniet li l-obbligu taghha kien dak li tirriparah fit-termini tal-garanzija (fol. 21). Jirrizulta mill-ittra tat-23 ta’ Frar 2000 (fol. 30) illi l-atturi kienu pronti wkoll illi jaccettaw li l-oggett jigi riparat basta li jinghataw apparat sostituttiv ghaz-zmien tar-riparazzjoni. Inoltre huma talbu wkoll illi l-*microwave* minnhom mixtri jigi mibdul b’ iehor gdid jekk dak mixtri jibqa’ inadattat u mhux fi stat tajjeb ta’ funzjonament. Billi baqa’ ma ntlahaq ebda qbil l-atturi rrikorrew ghall-azzjoni minnhom esperita bazata fuq vizzju jew difett mohbi fl-oggett li bieghetilhom is-socjeta` konvenuta;

Jinsab preskritt fl-Artikolu 1408 tal-Kodici Civili illi l-bejjiegh hu tenut b’ obbligu li jiggarantixxi l-oggett mibjugh “ghad-difetti li ma jidhrux fil-haga”. B’ aktar precizazzjoni l-Artikolu 1424 jipprovdi li, “il-bejjiegh hu obbligat jaghmel tajjeb ghad-difetti li ma jidhrux fil-haga mibjugha illi jaghmluha mhux tajba ghall-uzu li ghalih hija mahsuba, jew li jnaqqsu daqshekk il-valur taghha illi x-xerrej ma kienx jixtriha jew kien joffri prezz izghar, li kieku kien jaf bihom”;

Jemergi minn dan illi l-garanzija li l-venditur ghandu jaghti lill-kompratur hija ghall-vizzji jew difetti gravi, mohbija u pre-ezistenti;

Skond interpretazzjoni li tidher pjuttost pacifika l-mizura tal-gravita hi determinata minn zewg kriterji: dak obbjettiv konsistenti fl-assoluta inettitudini tal-haga li sservi ghall-uzu li ghalih hi destinata jew fis-semplici diminuzzjoni ta’ dak l-uzu; l-iehor subbjettiv konsistenti mill-intenzjoni personali tax-xerrej li, kieku kien jaf bil-vizzju, jew ma kienx ikun dispost li jixtri l-oggett jew, jekk dispost, ma kienx izda joffri l-prezz pattwit. Ara **Kollez. Vol. XXIV P I p 981; Vol. XXVII P III p 454** u **Vol. XLIII P I p 545**;

Dan premess, jibda biex jigi osservat b' referenza specifika ghall-ewwel aggravju illi huwa korrett dak li ssostni s-socjeta` appellanti illi anke f' materja ta' din in-natura tibqa' tipprevali r-regola *probatio incumbit ei qui dicit*;

Kif ahjar imfisser, "f' kawza fejn tigi ezercitata l-azzjoni redibitorja l-prova li d-difett tal-haga mibjugha kien jezisti qabel il-bejgh tinkombi lix-xerrej li jallega dak id-difett. Ghax wahda mill-kondizzjonijiet ta' l-azzjoni redibitorja u l-bazi tal-garanzija hija l-pre-ezistenza tad-difett. Ghaldaqstant sakemm il-venditur jillimita ruhu jikkontesta l-vizzju ma ghandux bzonn jaghmel ebda prova." (**Kollez. Vol. XXXVII PII p 742**);

Ferma din l-enuncjazzjoni, jinsab pero` wkoll affermat illi "x-xerrej mhux tenut jaghmel prova specifika tad-difett li kellu l-oggett minnu mixtri; u bizzejjed li jipprova li l-oggett ma kienx tajjeb ghall-uzu tieghu" (**Kollez. Vol. XLI P II p 1198**). Prova din li trid tkun tali li tikkonvinci lill-gudikant;

Mill-prova attendibbli f' dan il-kaz l-ewwel Qorti kienet perswaza illi kien hemm tali difett u li dan kien immanifesta ruhu bl-uzu tal-haga. L-istess Qorti kienet konvinta wkoll illi d-difett kien wiehed serju tant li nstab li ta' spiss kien qed jaghmel il-*microwave* ma jiffunzjonax sew. Naturalment id-difett ma hemmx ghalfejn ikun ta' xi gravita estrema imma hu bizzejjed li l-vizzju ikun ta' serjeta` fil-kuntest u perspettiva tal-kaz. Wiehed ghandu dejjem ihares lejn is-sostanzjalita` tal-vizzju;

Ma jistax ikun dubitat illi apparat bhal dak *de quo* jitlef l-utilita` tieghu u ma jservi ghal xejn jekk meta jigi wzat ma jiffunzjonax tajjeb u min juzah ikollu jirrikorri fil-parti l-kbira ghall-assistenza ta' *technician*. Ara **Kollez. Vol. XLIX P III p 1194**;

Meta hekk jirrizulta li hu l-kaz, is-socjeta` venditrici ma tistax tippretendi li hija biss obbligata ghall-garanzija konsenjata lix-xerrej fil-mument tal-bejgh jew tal-kunsinna. Il-ligi, kif fuq gie espost, issemmi l-garanzija "*ex jure*" (Artikolu 1424). Huwa veru li l-Artikolu 1426, Kodici Civili jipprovdi li l-kontraenti jistghu jillimitaw il-garanzija ghal dak minnhom pattwit biss, imma, kif drabi ohra rilevat, "biex ikun hemm limitazzjoni tal-garanzija legali jehtieg li jkun hemm ftehim car li juri dik il-limitazzjoni li biha jkunu kuntenti z-zewg partijiet. Il-fatt li fuq il-garanzija jkunu mnizzlin certi patti ta' garanzija, bhal fil-kaz prezenti, ma huwiex bizzejjed, wahdu, biex jeskludi l-garanziji aktar ampji li taghti l-ligi; ghaliex jehtieg li c-cirkostanzi tal-kaz ikunu juru li l-partijiet fil-fatt riedu u kienu kuntenti b' dik il-limitazzjoni tal-garanzija ghal dak biss li jkun espress fid-dokument b' eskluzjoni tal-garanziji legali, jew inkella li l-kondizzjonijiet tad-dokument ikunu nkonciljabbli mal-garanzija legali" (**Kollez. Vol. XLI P I p 657**);

Materja bhal din hi certament kwestjoni ta' fatt u ta' l-apprezzament tal-provi. Minn dak rinvenut fl-atti istruttorji ta' dan il-kaz, kompriz l-ezami tad-dokument a fol. 21, din il-Qorti ma ssibx li l-partijiet ghazlu li jiccirkoskrivu l-garanzija ghal dak biss kontenut f' dak id-dokument. Fic-cirkostanzi s-socjeta` konvenuta *qua* venditrici ma tistax tghodd ruhha mehlusa mill-obbligi tal-garanzija *ex jure*;

Gjaladarba dan hu hekk, biex tinghata twegiba lit-tieni aggravju, huwa ritenut illi f' kaz bhal dan "xejn ma jimporta li l-vizzju jista' jigi riparat; dak li jimporta huwa eskluzivament l-istat u l-kondizzjoni tal-haga fil-mument meta din tghaddi ghar-riskju u perikolu tal-kompratur; u min ihallas il-prezz gust ta' haga gdida ma ghandux jigi kostrett jikkuntenta ruhu b' haga msewwija, kbira jew zghira kemm tkun dik it-tiswija" (**Kollez. Vol. XXXVIII P I p 279**);

Fuq l-iskorta ta' dawn il-konsiderazzjonijiet mhux il-kaz li din il-Qorti tiddissenti mir-ragonament maghmul u l-

konkluzjoni milhuqa mill-ewwel Qorti. Is-socejta` appellanti kienet *ex lege* imposta bl-obbligu li tikkonsenja oggett ezenti minn vizzju u f' dan il-kaz dan ma ghamlitux. Hi ghalhekk ghandha twiegeb ghat-talba kif dedotta u mhux tippretendi li tirrikorri ghar-rimedji tat-tiswija. Rimedji li, del resto, gja rrizultaw inefficcjenti ta' konservazzjoni ta' l-oggett vendut. L-aggravji ghalhekk kontra s-sentenza appellata ma jistghux jigu akkolti.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tichad l-appell li sar mis-socjeta` konvenuta appellanti u b' hekk tikkonferma s-sentenza appellata, bl-ispejjez anke ta' din il-procedura jitbatew mis-socjeta` konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------